MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 13(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru 2012, fil-5:00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Performance bonuses ta' l-impjegati
5. Korrispondenza
6. Aġġudikar ta' sejħa għall-offerti MXLC04/2012
7. Ħatra ta' bord ta' l-għażla għal sejħa għal kwotazzjonijiet MXLC05/2012
8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
9. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

1.1 Minuti numru 11(2012) kienu tqassmu qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex f'minuta 3.20 wara il-kliem ' Madonna ta' Pompei fi żmien il-Milied' għandu jiżdied il-kliem ' sakemm ma jintleħaqx ftehim'. Il-Kunsill unanimament approva dan il-bdil

1.3 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Stephen Caruana unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 **Arisings mill-Minuti**

2.1 Is-Sur Steven Grech qal li huwa kien iltaqa' ma' Fr.Mario Mangion sabiex jiddiskuti problema li kienet inqalgħet rigward self ta' arbli lill-Kunsill Lokali. Is-Sur Grech żied jgħid illi wara li kienu ġew iċċarati xi diffikultajiet kien intleħaq qbil bejn iż-żewġ naħat u l-arbli kienu ġew mislufa lill-Kunsill Lokali

2.2 Is-Sindku qal illi b'referenza għal minuta 3.9 xtaq jinforma lill-Kunsill illi wara li kienet intbagħtet l-ittra lis-sidien ta' stabbilimenti kien hemm parteċipazzjoni tajba ħafna. Is-Sur Micallef żied jgħid illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jippublika lista' ta' stabbilimenti li għenu lill-Kunsill Lokali f'din l-inizjativa fil-publikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li dan kellu iseħħ.

2.3 Is-Sur Micallef qal illi rigward minuta 3.10 kienet inżammet laqgħa mad-Dipartiment tas-Sajd li matulha l-istess Dipartiment ikkonferma illi kien ser jieħu r-responsabilita' tal-*winchrooms* f'Xatt is-Sajjieda u l-kontijiet rispettivi tad-dawl u l-ilma, inkluż dawk pendenti.

2.4 Is-Sindku qal illi rigward minuta 3.14 huwa kien ta' l-opinjoni illi kemm il-darba jitħalla spazju għal żewġ xarabanks ta' Arriva tkun qiegħda tiġi riżolta il-problema. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ġie deċiż illi dwar din it-tema tintbagħat ittra lil Transport Malta.

2.5 Is-Sur Edric Micallef qal illib'referenza għal Minuta 4.4, minkejja illi l-Kunsill Lokali kien lesta x-xogħol kollu u saret spezzjoni minn membru tal-Bord tal-*Urban Improvement Fund*, il-kumpanija li wettqet ix-xogħolijiet kienet għadha ma rċevietx ebda pagament. E.M. qal illi l-istess kumpanija, AFS Ltd., kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi minħabba dewmien eċċessiv sabiex titħallas kienet ser tkun qiegħda titlob ħlas bl-imgħaxijiet. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, fl-opinjoni tas-Sindku, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jinħareġ parti mill-pagament dovut lill-AFS ltd. minn fondi tal-Kunsill Lokali. Naturalment l-ammont imħallas kellu jitnaqqas mill-pagament finali lill-istess kumpanija. Wara li kien hemm diskussjoni qasira dwar din il-materja, fuq proposta tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill Lokali qabel illi jgħaddi pagament ta' €15 000 ( ħmistax il-elf ewro) lil AFS Ltd.

*F'dan l-istadju daħal għal laqgħa is-Sur Angelo Micallef ( 5:20p.m.)*

2.6 Is-Sur Angelo Micallef qal illi xtaq jaġġorna lill-Kunsill Lokali bi żviluppi li kien hemm rigward Minuta 5.1. Huwa qal illi l-Kunsill kien irċieva konferma illi l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill Lokali kienet ġiet milqugħa u l-Kunsill Lokali kien ser jingħata s-somma ta' €2500 sabiex tittella' l-attivita'. Huwa żied jgħid illi għaldaqstant kienet saret reviżjoni ta' l-infiq relatat ma' din l-attivita' u kien ġie modifikat xi ftit il-programm oriġinali.

## 3 **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

3.1 Is-Sindku qal illi kienet inżammet laqgħa ma' Green MT bil-għan illi jintleħaq ftehim sabiex jiġi ffirmat kuntratt ġdid mal-kumpanija kkonċernata rigward il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Is-Sur Micallef qal illi filwaqt li Green MT kienet ipproponiet kuntratt simili għal dak kurrenti, huwa kien talab illi b'xi mod tiġi varata inizjativa sabiex jibda jinġabar l-iskart riċiklabbli

tal-bejjjiegħa tas-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Hadd. Is-Sur Micallef qal illi intleħaq qbil ma' Green MT sabiex f'Xatt is-Sajjieda ikun hemm erba' collection points li fihom il-bejjiegħa jkunu jistgħu jitfgħu l-iskart riċiklabbli u dan jinġabar minn kuntrattur ta' l-istess Green MT. E.M. qal illi Green MT kienet ser tkun qiegħda tressaq proposta anke rigward l-iskart li jiġġeneraw il-bejjiegħa tal-ħut.

Is-Sur Steven Grech qal illi filwaqt li kien jaqbel ma' dak kollu li kien ġie diskuss ma' Green MT, fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill lokali kellu b'xi mod jevalwa l-possibilita' illi titniehda inizjativa sabiex Green MT tibda tiġbor l-iskart riċiklabbli ġenerat mir-restaurants. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ġie deċiż illi jsir kuntatt ma' Green MT sabiex tiddaħħal klawsola f'dan ir-rigward fil-kuntratt.

Is-Sur Edric Micallef ippropona illi kemm il-darba tiġi inkluża l-klawsola dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli tar-restaurants, il-Kunsill Lokali għandu jaċċetta l-ftehim propost minn Green MT u jiffirma kuntratt għas-snin 2013/2014. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu.

3.2 Is-Sindku qal illi kien iltaqa' mas-Sur Brian Farrugia li kien jaħdem ma' kumpanija li tieħu ħsieb proġetti li jaqgħu taħt il-Kappa ta' l-Unjoni Ewropeja bil-għan illi l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jibbenefika minn xi tip ta' fondi li kienu disponibbli. Is-Sur Micallef qal illi fost l-oħrajn, fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi japplika sabiex jikseb fondi ħalli jkunu jistgħu jiġi dokumentati tradizzjonijiet antiki marbuta mas-sajd. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali kelli jiltaqa' mas-Sur Farrugia sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali japplika sabiex jikseb il-fondi msemmija

3.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien attenda għal laqgħa li kienet ġie imsejħa mill-Awtorita' tad-Djar dwar skema ta' manutenzjoni tal-komun ta' binjiet tal-Gvern. Is-Sur Micallef żied jgħid illi permezz ta' l-iskema msemmija l-Awtorita' kienet ser tkun qiegħda talloka sa' massimu ta' €5 000 għal kull komun eliġibbli. Is-Sindku qal illi l-istess Awtorita' kienet bagħtet lill-Kunsill Lokali lista ta' binjiet li kienu eliġibbli għal fondi u għal xi raġuni kienu ġew esklużi binjiet fi Triq it-8 ta' Mejju. Għal dan il-għan il-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni ta' l-Awtorita' tad-Djar.

## 4 <u>Performance Bonuses ta' l-impjegati</u>

4.1 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien evalwa ħidmet iż-żewġ impjegati klerikali tal-Kunsill Lokali. Huwa żied jgħid illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet tagħmel l-almu tagħha sabiex toffri l-aħjar servizz possibbli lir-residenti u l-performance tagħhom kienet teċċedi l-ħidma mitluba minnhom.

Is-Sur Angelo Micallef ressaq proposta li ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef sabiex l-impjegati jingħataw il-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni għaddiet unanimament

## 5 <u>Korrispondenza</u>

5.1 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Novembru 2012, is-Sur Carmel Abela, direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali x'miżuri seta' jieħu l-istess Kunsill Lokali f'każijiet ta' skart goff mormi fi proprjeta' privata. Is-Sur Steven Grech qal illi dwar każ partikolari li għalih kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali, huwa kien għamel rapport lill-pulizija u saħansitra indika min kien is-sid tal-proprjeta'.

5.2 Permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru 2012 il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat informa lill-Kunsill Lokali b'laqgħat li kienu ser jittellgħu ġewwa kull lokalita' bil-għan illi

għaqdiet u organizzazzjonijiet fis-settur tal-volontarjat jiġu infurmati bl-opportunitajiet ta' għajnuna eżistenti. MCVS talab lill-Kunsill Lokali għajnuna billi jipprovdi l-post fejn issir il-laqgħa u jinforma lill-għaqdiet u organizzazzjonijiet involuti fil-volontarjat f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera, filwaqt li ġie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda diffikulta' sabiex jinforma lill-għaqdiet u organizzazzjonijiet lokali, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lill-kap ta' l-iskola primarja sabiex il-laqgha ssir fis-sala ta' l-istess skola. Dan peress illi s-sala tal-Kunsill Lokali kienet żgħira wisq għat-tip ta' attivita' kkonċernata.

5.3 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Novembru 2012, is-Sur Paul Refalo f'isem AFS Ltd. informa lill-Kunsill Lokali illi kawża ta' dewmien fil-ħlas għal xogħol illi l-istess AFS Ltd. kienet għamlet matul l-2011, il-Kunsill kien ser jibda' jiġi mitlub iħallas l-imgħaxijiet fuq l-ammont dovut. Is-Sindku qal illi din il-materja kienet diġa' ġiet diskussa waqt l-istess seduta u kien ġie deċiż illi jingħata pagament parzjali lil AFS Ltd.

5.4 Permezz ta' stqarrija għall-istampa datata 19 ta' Novembru 2012, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk semma leħnu dwar is-sistema tal-*Value Added Tax* u kif din setgħet titħaddem b'modi illi permezz tagħhom jibbenefikaw il-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal illi l-istess argumenti kienu intbagħtu permezz ta' ittra lill-Onor. Ministru Tonio Fenech.

5.5 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Novembru 2012, is-Sinjura/ina Alexandra Smart għaddiet lill-Kunsill Lokali talba li kienet irċeviet mingħand is-Sur Julian Zarb, direttur fil-ministeru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent. Is-Sur Zarb kien talab lill-Kunsilli Lokal jevalwaw il-possibilita' illi korijiet lokali jiġu provduti spazju mill-Kunsilli Lokali sabiex jagħmlu l-provi tagħhom. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux spazju adegwat li seta' joffri.

5.6 Permezz ta' żewġ notifiki datati 1 u 8 ta' Diċembru 2012, l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-pubbliku bi proposti ta' żviluppi li kienet ser tkun qiegħda tevalwa ġewwa l-lokalita'. Wara li ingħataw dettalji tal-proposti kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma' kellu jsib ebda oġġezzjoni għall-iżvilupp propost.

5.7 Ittra datata 21 ta' Novembru 2012 mingħand is-Sur Patrick Griscti Soler, indirizzata lill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar li permezz tagħha l-istess awtorita' ġiet mitluba tittratta applikazzjoni numru PA2785/08 bħala urġenti. Din l-applikazzjoni kienet tara l-bini ta' faċilitajiet ta' hard standing f'sit magħruf bħala il-Ponta tal-Qrejten. Is-Sur Steven Grech qal illi 4dan is-sit kien jaħbat eżatt f'post li kien qiegħed jiġi rranġat minn kuntrattur bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan huwa kien ħa ħsieb jikkuntattja lill-individwi kkonċernati u jinfurmahom bl-iżvilupp li kien qiegħed iseħħ.

## 6 <u>Aġġudikar ta' sejħa għall-offerti MXLC04/2012</u>

6.1 Is-Sindku qal illi wara li kien għamel l-evalwazzjonijiet tiegħu, il-bord ta' l-għażla kien irrakkomanda illi s-sejħa għall-offerti tiġi aġġudikata lill-Kumpanija Silvar Construction & Services Ltd. Dan peress illi l-irħas offerent, ma kellux il-kumpanija tiegħu irreġistrata ma' Transport Malta u l-Kunsill Lokali ma setax jistenna illi t-talba tal-Kuntrattur ikkonċernat tiġi approvata mill-istess TM. Barra minn dan, l-istess kuntrattur kien offra li iqabbad kumpanija u jagħmel ix-xogħolijiet b'sub-contracting. Madanakollu din l-offerta kienet waslet għand il-Kunsill Lokali wara li kienet għalqet is-sejħa għall-offerti. Il-Bord għaldaqstant kien iddeċieda illi jmur għat-tieni l-irħas offerta li kienet dik ta' Silvar Construction & Services Ltd. F'dan il-każ kemm il-darba is-sejħa tiġi aġġudikata lill-Kumpanija imsemmija kien jinħtieġ illi jintleħaq qbil bejn l-istess kumpanija u Water

Servies Corporation peress illi Silvar Construction & Services Ltd. ma kenitx aċċettat ir-rati ta' ħlas ta' l-istess WSC. Is-Sindku żied jgħid illi fl-eventwalita' illi ma jint;eħaqx qbil bejn iż-żewġ partijiet kienet ser tku qiegħda tiġi evalwata l-possibilita' illi titwettaq biss parti mis-sejħa u cioe' parti minn Xatt is-Sajjieda.
Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-għażla u jaġġudika is-sejħa lil Silvar Construction & Services Ltd. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u għaddiet b'mod unanimu.

7 **<u>Ħatra ta' bord ta' l-għażla għal sejħa għal kwotazzjonijiet MXLC05/2012</u>**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien jinħtieġ jinħatar bord ta' l-għażla sabiex tiġi evalwata sejħa għall-kwotazzjonijiet numru MXLC05/2012 li kienet tittratta x-xiri ta' *multipurpose printer ( scanner/fax/photocopier*) li kienet tagħlaq nhar it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsilliera kollha kellhom ikunu maħtura membri fuq dan il-bord. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef u għaddiet b'mod unanimu. Is-Sur Stephen Caruana ressaq proposta sabiex hekk kif seħħ fil-passat, membri fuq dan il-bord jinħatru wkoll is-Sur Angelo Baldacchino ( 'Id-Dwejra, Triq il-Fellukka, Marsaxlokk) u s-Sur Salvatore Attard ( 'La Paloma Blanca', Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk). Is-Sur Edric Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

8 **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni. D.H. informa lill-Kunsilliera preżenti illi inklużi fl-iskeda kien hemm żewġ pagamenti dovuti għal xogħolijiet li saru matul l-2011. Il-pagamenti kienu dovuti lill-Perit Marven Ellul ( għal xogħol fuq playing field ġdida fi Triq il-Wilġa) u lis-Sur Jonathan Gravina (għal xogħol ta' bini). D.H. żied jgħid illi filwaqt illi ma kienux inħarġu works orders mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, fiż-żewġ każi kien ġie ikkonfermat illi x-xogħolijiet kienu twettqu fuq struzzjonijiet mill-istess Kunsill Lokali.

8.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana u li ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef, il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma inklużi fl-iskeda ta' pagamenti ( Skeda Nru.10/2012(NC)), li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti

9 **<u>Affarijiet oħra</u>**

9.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi bħal ma sar fis-snin imgħoddija, huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill Lokali għandu jagħmel ikla għall-Kunsilliera u l-impjegati ta' l-istess Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie stabbilit illi l-ikla kellha ssir nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012 ġewwa stabbiliment f'Wied il-Għajn.

10.2 Is-Sur Angelo Micallef qal illi d-dipartiment tal-Gvern Lokali, permezz ta' memo 49/2012 kien niehda skema dwar inizjativi sportivi fil-lokalitajiet għall-perjodu 2013. Is-Sur Micallef qal illi permezz ta' din l-iskema, Kunsilli Lokali setgħu japplikaw sabiex jiksbu finanzjament sa' massimu ta' €4 000. Dan l-ammont kellu jirrappreżenta massimu ta' 50% ta' l-attivita' organizzata. A.M. qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jidħol għal din l-inizjativa. Wara diskussjoni libera fuq proposta' tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill Lokali ivvota s-somma ta' €1000 għal din l-attivita'

10.3 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm bżonn illi jinqata' ħaxix ħażin li kien kiber fi Triq Santu Kristu ( in-naħa ta' Birżebbuġa). Dan minbarra li kien jinħtieġ

jinġabar skart goff u materjal ieħor li kien akkumula fil-bajja tal-Ballut. Huwa żied li għal dan il-għan kien ħa ħsieb jiġbor stima mingħand kuntrattur privat li kien lest li jagħmel ix-xogħolijiet għas-somma ta' €700. Wara diskussjoni qasira li matulha ġie stabbilit illi kien hemm il-ħtieġa li jsiru x-xogħolijiet imsemmija mis-Sur Bugeja, kien hemm qbil unanimu illi għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex isiru x-xogħolijiet.

10.4 Is-Sur Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien ma' l-Accountant tal-Kunsill Lokali kien qiegħed jagħmel eżerċizzju sabiex jiġi aġġornat il-Fixed Assets Register. Waqt dan l-eżerċiżżju kien irriżulta li numru ta' assets li kienu inklużi ma kenux fi stat tajjeb u l-Kunsill Lokali seta' jiddisponi minnhom. Għal dan il-għan kienet tħejjiet lista ta' assets (li hija annessa u tifforma parti minndawn il-minuti) sabiex jiġu mneħħija mill-FAR u jintremew. Wara li inqrat il-lista, is-Sur Angelo Micallef ressaq proposta sabiex l-assets kkonċernati jitneħħew mill-FAR. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu.

10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li fis-seduta preċedenti kienu issemma' ammont dovut lill-Perit Marven Ellul, kien ħa ħsieb jiċċekkja jekk il-Kunsill Lokali kienx irċieva fatturi relatati max-xogħolijiet. D.H qal illi wara li ma kien sab ebda fattura relatata mal-ammont dovut kien għamel kuntatt ma' l-eks-Segretarju Eżekuttiv li min-naħa tiegħu kien infurmah illi s-Sur Ellul qatt ma kien ipproduċa fatturi. Fil-fatt l-eks-Segretarju Eżekuttiv kien għamel accrual ta' l-ammont dovut li kien għadu jidher fil-kotba tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jistenna lill-Perit Ellul jipproduċi d-dokumentazzjoni meħtieġa hekk kif deċiż fis-seduta preċedenti. Meta ikollu l-informazzjoni kollha imbagħad il-Kunsill Lokali kellu jevalwa din is-sitwazzjoni.

10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-*vacation leave* li kien intitolat għalih fl-2012 kien ser ikun hemm numru ta' sigħat li ma kienx ser jutilizza.Għal dan il-għan talab lill-Kunsilliera preżenti jikkunsidraw il-possibilita' illi 40 siegħa mill-vacation leave tal-2012 jiġi akkumulat ma' dak tal-2013. Kien hemm qbil unanimu illi s-Segretarju Eżekuttiv għandu jakkumula l-ammont ta' vacation leave ikkonċernat ma' dak li kien intitolat għalih fl-2013.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar 2013

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**